# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 137/2012

## tat-13 ta' Lulju 2012

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Netwerk ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjoniiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżil u servizzi ta' trasformazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XX tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-adattamenti (a) u (b) tal-punt 1j (id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 6(a), 6(b) u 7(3) jinftiehmu bħala li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikoli 21(2), 21(3) u 24(1) jinftiehmu bħala li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin."

2. L-adattament li ġej jiżdied mal-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

"Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, is-sena msemmija fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu, tkun l-istess bħas-sena msemmija fl-Artikolu 18, kif adattat għall-Istati tal-EFTA.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-data msemmija fl-Artikolu 18 tinftiehem bħala li tinkludi perjodu addizzjonali ta' tliet snin."

3. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

"1jc. **32009 R 0976**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Netwerk (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9), kif emendat bi:

— **32010 R 1088**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftiehmu bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikolu 4 jinftiehmu bħala li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 40.
([2]) ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.
([3]) ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.
([4]) ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.
([6]) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

1jd. **32010 R 0268**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad- 29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta spazjali tal-Istati Membri mill-istituzzjoniiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftiehmu bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 8 jinftiehmu bħala li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

1je. **32010 R 1089**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11), kif emendat bi:

— **32011 R 0102**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 (ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 976/2009, (UE) Nru 268/2010, (UE) Nru 1088/2010, (UE) Nru 1089/2010 u (UE) Nru 102/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Atle LEIKVOLL

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.